# AVE MARIA

Tifkira tal-"*Lejl Imqaddes*", 28/29 ta' Mejju 1949
fl-okkażjoni tal-*Kongress Marjan f'Malta*

*Ta'* ĠUŻE' CHETCUTI

Ma ninsa qatt il-ferħ li ħassejt f'qalbi
f'dik il-lejla, Marija,
meta f'toroq ta' dwal rajthom għaddejja,
bla jaqtgħu, ġeġwiġija,

eluf, eluf ta' nies. Malta bi ħġarha
ħarġet w għannqitek magħha,
u ħalfet illi — hekk kif kont minn dejjem —
tibqa' għal dejjem tagħha.

* * *

Eluf ta' dwal. Stħajjilthom baħar wiesa'
mimli fjammi ta' nar:
Qatt ma niftakar f'ebda dehra oħra
isbaħ minn dak in-nhar.

Eluf ta' dwal. Stħajjilt f'kull dawl qed nara
tixgħel, kbira w qawwija,
ir-ruħ li taf ir-rabta ta' l-imħabba
bejn Malta u Marija.

* * *

Mit-tieqa ta' kamarti fejn kont qiegħed
stajt nisma' mewġ ta' għana
jimla l-ħemda li kienet iddawwarni,
ħiereġ minn qlub ferħana.

Ħassejtni dak il-ħin nintilef f'ħolma
ta' ġmiel, ta' poeżija,
u f'qalbi, waħdi, ma' dawk l-ilħna mbiegħda,
għannejt, Ave Maria.

29. v. 49.